MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2105/2002

**Petroleum Services plc**

**vs**

**Joseph Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi s-socjeta' attrici ghandha ftehim ma' l-ishmatarji biex ma ilizzawx servizzi ta' manutenzjoni ta' kumpaniji ohrajn minbarra dawk tas-socjeta' attrici stess, u dan biex hi tkun tista tikseb rati favorevoli minn kumpaniji li joffru dawn is-servizzi fuq petrol stations;**

**Illi sabiex toffri dawn is-servizzi lill-ishmatarji u timpjega lill-haddiema, s-socjeta' attrici tigbor ammonti fissi mill-ishmatarji, kif jidher mic-cirkolari annessa mat-talba bhala Dok A;**

**Illi l-konvenut accetta dan il-ftehim u fil-fatt diversi drabi talab is-servizzi tas-socjeta' attrici, kif jidher mill-istatements annessi bhala Dok 'B' sa 'D', u gieli hallas xi ammonti.**

**Illi minkejja dan l-ammont dovut bhala bilanc, ta' elf tlett mija u hames liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm1305.64) ghadu ma thallasx u dan minkejja l-ittra bonarja datata 9 ta' Lulju 2002 (annessa Dok 'E').**

**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja.**

**Ra r-risposta prezentata fl-1 ta' Novembru,2002 fejn gie eccepit :**
**1. Illi s-socjeta' attrici ma ghandha l-ebda locus standi f'din il-kawza peress li skond il-ftehim li jezisti huma l-azzjonisti personalment u mhux is-socjeta' li ghandhom interess guridiku u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**
**2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit ma jezisti l-ebda ftehim bil-mod allegat fl-avviz. Dato ma non concesso li hemm xi forma ta' ftehim dan ghandu jkun kommerzurabbli mas-servizzi li rrendiet is-socjeta' attrici.**
**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tan-noti ta' osservazzjoni prezentati mill-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi din id-decizzjoni qed tinghata limitatament ghall-ewwel eccezzjoni sollevata.**
**2. Il-kaz jirrigwarda hlas ta' servizz ta' manutenzjoni li l-ishmatarji jhallsu. L-azzjoni hi diretta mis-socjeta` attrici kontra l-konvenut sabiex dan ihallas lis-socjeta' attrici ghal servizzi li l-istess socjeta' toffri rigwardanti petrol stations.**

**3. It-Tribunal jirrileva illi l-ishmatarji huma biss il-proprjetarji tal-petrol stations. Is-socjeta` attrici ghandha personalita` guridika indipendenti minn dik ta’ l-ishmatarji, u jidher li f’dan il-kaz is-socjeta` attrici qed tagixxi f’isimha proprju. Dak li qed taghmel is-socjeta` attrici huwa skond kif indikat fil-memorandum and articles tas-socjeta` attrici.**
**4. It-Tribunal qed jaqbel man-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-abbli difensur tas-socjeta` attrici meta dan jghid li kienet is-socjeta` attrici li ghamlet l-ftehim ma’ l-azzjonisti, u mhux ma l-azzjonisti bejniethom.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u jordna l-prosegwiment fil-mertu.**

**L-ispejjez ta’ dina d-decizjoni preliminary huma riservati ghad-decizjoni finali.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------